# KUNSILL LOKALI MTARFA

## IS-SITT LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 41 – L-~~ERBGĦA~~ 17 TA' SETTEMBRU 2015
HAMIS

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fis-7:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Daniel John Attard | Sindku |
| | Antoine Vella | Viċi Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud | Kunsillier |
| | Helen Bugeja | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |
| | Jaime Marie Galea | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

Ma kienx hemm persuni jattendu.

### 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI NRU. 40

1.1 Il-minuti ntbagħtu minn qabel u għaldaqstant kienu meqjusa moqrija.

1.2 Il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE mingħajr ebda emenda.

### 2. PUNTI MILL-MINUTI

2.1 Is-SE infurmat li kienet għamlet żjara madwar il-lokalità flimkien ma' rappreżentanti ta' 34U li kienu infurmawha li kien hemm possibbiltà li joffru xi siġar Maltin lill-Kunsill. Is-Sindku informa wkoll li kien hemm resident li kien lest li jgħaddi xi siġar lill-Kunsill u għaldaqstant talabha tagħmel kuntatt miegħu.

2.2 Is-SE infurmat li mill-kwotazzjonijiet li ngabu fir-rigward ta' *photocopier* u *scanner*, l-aħjar offerta kienet dik ta' Strand Electronics. Kien hemm qbil li għandha tmexxi bil-ftehim magħhom.

2.3 Fir-rigward tal-kwotazzjoni tal-pjanti li nġabu, is-SE u l-Viċi Sindku kienu marru għand l-aktar żewġ *nurseries* vantaġġjużi skont il-prezzijiet li ngħataw, u kien hemm qbil li għandhom jinxtraw mingħand l-ELC għaliex kienu ikbar u kellhom l-ammont mixtieq mill-Kunsill (70). Kien hemm qbil ukoll li s-SE għandha tordna żewġ siġar Maltin oħra kif ukoll xi hibiscus għall-*planters*. Is-SE infurmat li kienu qed jinġabru l-kwotazzjonijiet għall-*planters* u li kienet se tgħaddihom għad-deċiżjoni waqt il-laqgħa li jmiss.

2.4 Is-SE infurmat li kienet irċevit kommunikazzjoni lura dwar is-suġġeriment biex l-X3 tgħaddi minn l-Imtarfa fejn dawn infurmaw li dan kien servizz dirett u għaldaqstant ma kienx possibbli li jidħol fil-qalba tal-lokalità.

## 3. KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku informa li kienet ġiet organizzata l-mawra għall-anzjani għal Għawdex u li kien assigura li l-ammont ma jitlax aktar minn dak miftiehem fil-bagit.

3.2 Is-Sindku informa li ż-żjara fl-Iżvezja kienet ta' suċċess u ta' preċedent tajjeb għal esperjenzi futuri fir-rigward ta' skambji taż-żgħażagħ. Huwa informa li issa li saru l-ħlasijiet kollha, is-SE kienet se tgħaddi kopja tal-kontijiet u l-irċevuti sabiex issir ir-rifużjoni tal-ispejjeż involuti.

3.3 Hawnhekk is-Sindku informa li kienet inġibditlu l-attenzjoni li żewġ familji minn Triq Sir Philip Pullicino kellhom xi problema fuq *planter* viċin ir-residenza tagħhom. Kien hemm qbil li dawn iż-żewġ familji għandhom jiġu mistiedna jattendu għal-laqgħa tal-Kunsill li jmiss sabiex tiġi ċċarata din il-problema.

3.4 Is-Sindku informa wkoll li l-Kunsill kien irċieva petizzjoni mingħand numru ta' familji minn Triq il-Fosos tal-Qamħ fir-rigward tal-iskip li hemm fuq ġewwa tat-triq. Kien hemm qbil li għandha tintbagħat stedina lir-residenti kollha tat-triq biex jattendu għal-laqgħa tal-Kunsill li jmiss sabiex tiġi diskussa t-talba tagħhom li titneħħa l-iskip. Hawnhekk il-Kunsill qabel li kemm-il darba titneħħa l-iskip, l-aħjar soluzzjoni kienet dik li l-iskart jinġabar bieb bieb.

## 4. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

4.1 Il-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuża, ġiet approvata u ffirmata.

## 5. APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT FINANZJARJU TA' KULL KWART (APRIL – ĠUNJU)

5.1 Is-SE infurmat li l-Accountant kien infurmaha li kien marid u għaldaqstant ma setax jattendi għal-laqgħa. Kien hemm qbil li dan il-punt għandu jerġa' jittella' fil-laqgħa li jmiss.

## 6. AĠĠUDIKAZZJONI TAL-OFFERTI U KWOTAZZJONIJIET PUBBLIĊI:

6.1 ***Offerta MTFLC/T/02/2015 - Works Tender for Patching and Construction of Footpaths:*** Is-SE infurmat li kien hemm biss kuntrattur wieħed li tefa' l-offerta tiegħu. Fuq rakkomandazzjoni tal-Periti tal-Kunsill kien hemm qbil li l-kuntrattur Elle's Urban Services Ltd. għandu jiġi aċċettat.

6.2 ***Kwotazzjoni MTFLC/Q/08/2015 - Supply and installation of Water Pump:*** Is-SE infurmat li kien hemm offerent wieħed għall-installazzjoni ta' pompa tal-ilma għall-proġett tal-bosk. Kien hemm qbil li din l-offerta għandha tiġi mogħtija lilu (J.M. Installations) filwaqt li x-xogħol isir taħt is-supreviżjoni tal-inġinier Bonello.

6.3 ***Kwotazzjoni MTFLC/Q/09/2015 – Transportation of elderly persons to and from day centre:*** Is-SE infurmat li kien hemm ħames offerenti li tefgħu l-offerta tagħhom. Hawnhekk is-Sindku u l-Kunsillier Mifsud iddikjaraw Kien hemm qbil li s-SE għandha tkellem lil Faith Garage li kien l-irħas offerent biex tikkonferma x'tip ta' vann jista' joffri għal dan is-servizz, b'mod speċjali jekk hux minnu li jista' jagħti s-servizz bit-tail lift għall-prezz li ta.

6.4 ***Kwotazzjoni MTFLC/Q/10/2015 – Supply of Doggie Bins:*** Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jmur għall-irħas offerent, Forestals Co. Ltd.

6.5 ***Kwotazzjoni MTFLC/Q/11/2015 – Supply of Sleeping Policemen:*** Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jmur għall-aktar kwotazzjoni vantaġġjuża, dik ta' Koptasin.

6.6 ***Kwotazzjoni MTFLC/Q/12/2015 – Drill Displays (re-enactments) and weaponry and military vehicles displays focusing on WW2:*** Il-Kunsill qabel li għandu jieħu r-rakkomandazzjoni tas-sottokumitat li kien ħa ħsieb li jiltaqa' maż-żewġ offerenti u jagħżel lil Battlefront li kellu l-aħjar prezz. Min-naħa l-oħra kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jgħolli l-ammont għal €2000 sabiex jinkludi numru ta' props u xeni innovattivi.

## 7. L-ATTIVITÀ MILITARY MTARFA 2015

7.1 Il-Kunsill reġa' ddiskuta d-data għall-attività minħabba li l-Ħadd 18 ta' Ottubru kien se jaħbat mad-data ta' attività organizzata mill-AFM. Għaldaqstant kien hemm qbil li kemm MM kif ukoll il-ftuħ tal-bosk għandhom jiġu posposti għall-Ħadd 8 ta' Novembru.

## 8. IL-PROĠETT TAL-BOSK

8.1 Is-SE infurmat li x-xogħlijiet fuq il-bosk kienu waqfu għal tlett ġimgħat sħaħ wara li wieħed mill-pagamenti li kienet għaddiet lill-Aġenzija tal-Pagamenti f'Lulju kien intilef u l-kuntrattur irrifjuta li jibgħat lill-ħaddiema qabel ma sar il-pagament. Is-SE infurmat li kienet kitbet lill-ARPA u infurmathom li l-Kunsill ma kienx responsabbli jekk id-deadline ma tinżammx minħabba din il-kwistjoni. Hija infurmat li fuq rakkomandazzjoni tal-espert ambjentali, is-Sur Alfred E. Baldacchino, kienet intalbet estensjoni ta' ġimgħa wara l-aħħar ta' Settembru, biex isir it-taħwil għaliex Settembru kien wisq sħun biex jitħawlu siġar u arbuxxelli ġodda. Hija infurmat li din l-informazzjoni kienet diġà ngħatat ukoll permezz tal-*email*. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 9. TIŻJIN TAL-MILIED

9.1 Għall-mistoqsija tas-SE, il-Kunsill qabel li għandha tinħareġ l-offerta pubblika għat-tiżjin tal-Milied fuq l-istess linji tas-sena li għaddiet. Il-baġit għandu jkun dak diskuss fil-bidu tas-sena jiġifieri mhux aktar minn €3200.

## 10. LAQGĦA MAL-AWTORITÀ TAD-DJAR

10.1 Is-SE infurmat li hi u l-Viċi Sindku kienu attendew għal laqgħa mal-Awtorità tad-Djar fejn dawn ġibdulhom l-attenzjoni dwar problema li kien hemm f'wieħed mill-garaxxijiet taħt Binja Qlejgħa. Huma infurmaw li l-Awtorità kienet qed titlob lill-Kunsill sabiex jagħmel tajjeb jew għallanqas jgħin fl-ispejjeż li kien hemm.

10.2 Is-SE u l-Viċi Sindku infurmaw li min-naħa tagħhom ma kinux aċċettaw li l-Kunsill għandu jidħol għar-responsabbiltà ta' dan ix-xogħol li jinsab fi proprjetà tal-Awtorità nnifisha. Il-Kunsill qabel ma' dan u li l-Kunsill m'għandux fondi biżżejjed biex jgħin f'dan ix-xogħol meħtieġ, imma li għandu jibqa' jinsisti mal-Awtorità biex ix-xogħol isir.

10.3 Il-Kunsillier Mifsud informa li l-Kunsill diġà kien kellu kwistjoni l-Qorti dwar din il-problema fil-passat fejn kien iddeterminat li m'hemm xejn x'juri li l-Kunsill kien responsabbli minn din il-binja jew il-parkeġġi tagħha.

**11. XOGĦLIJIET INFRASTRUTTURALI FL-UFFIĊINI TAL-KUNSILL**

11.1 Is-SE infurmat li l-periti kienu għaddewlha xi specifications biex isiru xogħlijiet infrastrutturali u estetici (*refurbishment*) fl-entratura tal-uffiċċju tal-Kunsill.

11.2 Fid-dawl li l-baġit tal-Kunsill għal dan ix-xogħol kien biss ta' €3000, is-SE infurmat li ma kienx possibbli li jsir kollox f'din is-sena u għaldaqstant kien hemm qbil li l-ewwel għandu jsir ix-xogħol infrastrutturali biex titkabbar il-kamra tal-banju biex tiġi aċċessibbli għal persuni b'diżabbilità. Sadanittant, matul is-sena d-dieħla l-Kunsill kien se jivvota aktar flus biex isir it-tisbiħ u l-irranġar neċessarju għall-entratura.

**12. PUNTI OĦRA**

12.1 Fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku, kien hemm qbil li jinżebagħ *planter* fuq wara ta' Binja Ġebel Dwejra.

12.2 Il-Kunsillier Mifsud informa li ġie avżat minn xi residenti li kien se jsir żvilupp madwar l-*Isolation Hospital* u għaldaqstant talab lill-Kunsill biex isegwi mill-qrib dak li se jkun għaddej f'din iż-żona fir-rigward ta' permessi tal-MEPA.

12.3 Il-Kunsillier Fenech informa lis-SE li skont ma ġie infurmat, il-ġibjun li hemm in-naħa t'isfel ta' Triq il-Ferrovija mhux iżomm ilma.

12.4 Hawnhekk skuża ruħu mil-laqgħa l-Kunsillier Mifsud. Il-ħin kien l-10:00pm.

12.5 Il-Kunsillier Fenech talab li jitranġaw il-bankini viċin Trejqet il-Qronfol minħabba l-parkeġġ. Hawnhekk is-Sindku fakkar lill-Kunsillier Fenech li l-Kunsill diġà kien qabel li għandu jaħdem fuq pjan ħolistiku għaż-żona kollha biex possibbilment jiżdied il-parkeġġ għal kulħadd.

12.6 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Fenech dwar tpoġġija ta' ħadid quddiem il-HQ's tal-Baden Powell Scouts, is-SE infurmat li kien inxtara l-materjal u beda jinħadem iżda sadanittant l-Iscouts kienu tellgħu ċinta tal-injam u għaldaqstant il-ħadid ma twaħħilx. Il-Kunsill qabel li ladarba m'għadx hemm bżonnu, dan il-materjal għandu jintuża għal xi proġett ieħor tal-Kunsill.

12.7 Għall-mistoqsija dwar l-ittra lir-residenti ta' Triq Gregorio Caraffa, is-SE infurmat li din għadha ma ntbagħtitx.

**13. AĠĠORNAMENT**

13.1 Il-laqgħa spiċċat fl-10:15pm. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar it-Tlieta 13 ta' Ottubru 2015 fis-7:30pm.

**Josette Micallef**
**Segretarju Eżekuttiv**

for **Daniel John Attard**
**Sindku**